MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY
digital inclusion

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** I 7 ta' Ottubru, 2015

# L-għeluq ta' proġett immirat biex jgħin adulti jsiru kompetenti fid-dinja diġitali

Il-Proġett 'ENTER' li provda taħriġ fl-ICT għall-impjegabilità u adattabilità fuq il-post tax-xogħol ġie fi tmiemu waqt konferenza l-bieraħ wara nofsinhar ġewwa d-Dolmen Resot Hotel, li għaliha attendew Onor. Dr Josè Herrera, Segretarju Parlamentari Responsabbli mit-Tkabbir ekonomiku u kompettività u l-Onor. Dr Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-UE 2017 u l-fondi tal-UE. Matul il-konferenza ġew diskussi diversi punti relatati mal-impatt tal-firda diġitali fuq is-soċjetà u l-ekonomija Maltija.

Dan il-proġett, li kien parzjalment ikkonfinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew gie jiswa madwar €445,000 fejn kien immexxi mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) b'kollaborazzjoni ma' tmintax (18) – il ċentru Pubbliku u organizazzjonijiet Volontarji.

L-istatistika turi li r-rata ta' individwi li ma jużawx l-internet f'Malta niżlet minn 28% fl-2013 għall-25% fl-2014. Dan juri li l-proġett 'ENTER', flimkien ma' proġetti oħra li kienu mmirati li jindirizzaw l-firda diġitali ħallew riżultati ferm sodisfaċenti. Għaldaqstant, wieħed għandu jqis li Malta trid tkompli taħdem sabiex tkompli tindirizza l-firda billi ssaħħaħ il-ħiliet diġitali, għax għalkemm 55% tal-popolazzjoni Maltija tħaddan dawn il-ħiliet, ir-rata msemmija hi inqas mir-rata medja stabbilita fl-UE (59%).

B'rispons għal dan, iċ-Ċermen tal-MCA Dr Edward Woods saħaq li l-MCA qed tkompli tistinka sabiex tindirizza dan, speċjalment biex tassigura li kull ċittadin ikollu l-opportunità li jiddentifika, jaddotta u japplika t-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) bħala parti essenzjali mill-ħajja ta' kuljum b'mod kritiku u intelliġenti. Bis-saħħa ta' hekk, inkunu qed nippromwovu aktar effiċjenza fuq il-post tax-xogħol, u fl-aħħar mill-aħħar għal biex intejbu l-kwalita' ta' ħajja.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Josè Herrera iddikjara li l-prioritajiet tal-ICT f'Malta huma mibnija fuq l-Istrateġija Nazzjonali tal-Gvern u l-miri tal-Ewropa 2020. L-għan primarju hu li Malta tkompli tiżviluppa bħala nazzjon diġitali, f'kull settur tas-soċjetà. Bis-saħħa ta' proġetti bħal dawn, jidher biċ-ċar l-impenn tal-Awtorita' sabiex tintlaħaq il-viżjoni tal-Gvern - dik li nġibu lil Malta f'pajjiż li jħadden ekonomija diġitali ta' suċċess.

Fid-diskors tal-għeluq, is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Ian Borg qal li dan il-proġett jindirizza l-politika tal-Gvern lokali, jiġifieri dik li ninvestu f'ħiliet varji. Din tippermetti sabiex ir-riżorsi umani jevolvu f'oqsma ġodda biex b'hekk inkomplu ntejjbu l-potenzjal tal-ħaddiem.

**Tmiem**

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840